32004E0748

POŻIZZJONI KOMUNI TAL-KUNSILL 2004/748/PESK

tat-2 ta' Novembru 2004

dwar l-ilqugħ temporanju mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ta' ċerti Palestinjani

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 15 tiegħu,

Billi:

(1) Fil-21 ta' Mejju 2002, il-Kunsill adotta l-Pożizzjoni Komuni 2002/400/PESK li tikkonċerna l-ilqugħ temporanju mill-Istati Membri ta' l-Unjoni Ewropea ta' ċerti Palestinjani ([1]) u l-għoti lilhom ta' permessi nazzjonali validi għal perijodu ta' mhux aktar minn 12-il xahar għad-dħul u l-permanenza fit-territorju tagħhom.

(2) Bil-Pożizzjonijiet Komuni 2003/366/PESK ([2]) u 2004/493/PESK ([3]), il-Kunsill iddeċieda li l-validità ta' dawn il-permessi għandha tiġi estiża bi 12-il xahar u b'6 xhur rispettivament.

(3) Il-validità ta' dawk il-permessi għandha tiġi estiża għal perijodu ulterjuri ta' 12-il xahar.

ADOTTA DIN IL-POŻIZZJONI KOMUNI:

Artikolu 1

L-Istati Membri msemmija fl-Artikolu 2 tal-Pożizzjoni Komuni 2002/400/PESK għandhom jestendu l-validità tal-permessi nazzjonali għad-dħul u l-permanenza mogħtija skond l-Artikolu 3 ta' dik il-Poszzjoni Komuni għal perijodu ulterjuri ta' 12-il xahar.

Artikolu 2

Il-Kunsill għandu jivvaluta l-applikazzjoni tal-Pożizzjoni Komuni 2002/400/PESK fi żmien 6 xhur mill-adozzjoni ta' din il-Pożizzjoni Komuni.

Artikolu 3

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tieħu effett fil-jum ta' l-adozzjoni tagħha.

Artikolu 4

Din il-Pożizzjoni Komuni għandha tiġi ppubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali ta' l-Unjoni Ewropea.

Magħmula fi Brussel, nhar it-2 ta' Novembru 2004.

Għall-Kunsill

Il-President

B. R. BOT

([1]) ĠU L 138, 28.5.2002, p. 33.
([2]) ĠU L 124, 20.5.2003, p. 51.
([3]) ĠU L 181, 18.5.2004, p. 24.